Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 402 / 2018

**Il- Pulizija**
**((Spettur Edel Mary Camilleri)**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**-vs-**

**Keith Pace**

Illum 22 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Keith Pace detentur tal-Karta tal-Identita` numru 327480 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2015 u x-xhur ta' qabel din id-data, b' diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. F' xi hin bejn l-4:30 ta' wara nofsinhar tat-23 ta' Gunju 2015 u it-8:00 ta' filghodu ta' l-24 ta' Gunju 2015, f' dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' diversi ghodod ta' l-elettriku, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi

s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda huwa anqas minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, kif ukoll bil-hin sar ghad-detriment ta' Pietro Barone minn tas-Sliema u/jew persuni ohra;

2. Kif ukoll talli f' xi hin bejn l-4:30 ta' wara nofsinhar tat-23 ta' Gunju 2015 u it-8:00 ta' filghodu ta' l-24 ta' Gunju 2015, f' dawn il-Gzejjer, volontarjamrnt hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjegn haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara li ma tiskorrix l-elfejn u hames mitt ewro imma hija izjed minn mitejn u hamsin ewro saret ghad-detriment ta' Pietro Barone tas-Sliema u/jew persuni ohra;

3. F' diversi okkazzjonijiet matul il-perjodu ta' bwejn it-28 ta' Gunju 2015 u it-30 ta' Gunju 2015, f' dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' diversi ghodod ta' l-elettriku, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi bs-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin, kif ukoll bil-lok sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-konsorzju *Enviromental Landscapes Consortium* u/jew persuni ohra;

4. F' diversi okkazzjonijiet matul il-perjodu ta' bwejn it-28 ta' Gunju 2015 u it-30 ta' Gunju 2015, f' dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara li ma tiskorrix l-ammont ta' tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu saret ghad-detriment tad-dirigenti tal-konsorzju *Enviromental Landscapes Consortium* u/jew persuni ohra;

5. Nhar l-01 ta' Lulju 2015 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data f' dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b' kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom liema oggetti gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta' elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

6. Nhar l-01 ta' Lulju 2015 ghall-habta tad-09:15am f' dawn il-Gzejjer, insulenta, hedded, jew ingurja bi kliem jew b' mod iehor lil Antoinette Rapinett;

7. Nhar l-01 ta' Lulju 2015, f' dawn il-Gzejjer minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-Ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Antoinette Rapinett fil-pussess ta' hwejjigha b' xi mod iehor kontra il-Ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor;

8. Nhar l-06 ta' Lulju 2015, f' dawn il-Gzejjer, ikkommetta harba mill-kustodja tal-Pulizija meta kien fil-kustodja ta' PC 819;

9. Nhar l-06 ta' Lulju 2015, f' dawn il-Gzejjer, saq vettura b' manjiera traskurata u perikoluza kif ukoll b' velocita eccessiva;

10. Nhar is-6 ta' Lulju 2015, f' dawn il-Gzejjer, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li ghagixxa ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skont il-Ligi mill-awtorita' kompetenti.

11. Nhar l-06 ta' Lulju 2015, f' dawn il-Gzejjer, ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn PC 819 persuna nkarigata minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt li ghamel dmirijiet tieghu jew b' xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirijietu jew billi gab fix-xejn jew hassar tali li haddiehor ghamel b' ligi;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Antoinette Rapinett skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza jew individwi ohra skont it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu taz-zmien u cirkostanzi, f' dawn il-Gzejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. meta fit-02 ta' Settembru 2013 inghata il-beneficcju tal-liberta' provizorja taht diversi kundizzjonijiet.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu taz-zmien u cirkostanzi, f' dawn il-Gzejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Carol Peralta LL.D. meta fl-10 ta' Settembru 2013 inghata il-beneficcju tal-liberta' provizorja taht diversi kundizzjonijiet.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu taz-zmien u cirkostanzi, f' dawn il-Gzejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta minn diversi Magistrati fejn l-imputat inghata il-beneficcju tal-liberta' provizorja taht diversi kundizzjonijiet.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu taz-zmien u cirkostanzi, f' dawn il-Gzejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Scibberas LL.D. liema sentenza giet definittiva u ma tistax tinbidel, u din inghatat fi 17 ta' Marzu 2015, ghal perjodu ta' sena.

Fl-istess perjodu taz-zmien u cirkostanzi f' dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien instab hati

ta' reati b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skont il-Ligi tordna lil hati sabiex is-somma ta' €500 imposta fuqu bhala depozitu, kif ukoll is-somma ta' €2,000 imposta bhala garanzija personali fuqu mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. jigu ikkonfiskati u mghoddija a favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skont il-Ligi tordna lil hati sabiex is-somma ta' €500 imposta fuqu bhala depozitu, kif ukoll is-somma ta' €2,000 imposta bhala garanzija personali fuqu mill-Magistrat Dr. Carol Peralta LL.D. jigu ikkonfiskati u mghoddija a favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skont il-Ligi tordna il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAE-292.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-8 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 85, 96, 151, 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278 (3), 279 (a) (b), 280 (1), 281, 289, 325 (1) (b) (d), 334 (a), 338 (ee) u 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikoli 15 (1) (a) (2) (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 poggiethu taht ordni ta' probation ghal tlett snin (3) mill-lum.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 15 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta skwalifikat lill-imputat milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mill-lum.

A tenur tal-artikolu 412 D Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, poggiet lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna mehtiega biex jeghleb il-vizzju tad-droga.

Il-Qorti irrikmandat li l-imputat jibda jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni residenzjali minnufih.

Inoltre` ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta ordnat l-konfiska tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAE-292 kif ukoll l-oggetti kollha l-ohra esebiti salv id-drittijiet fuq l-istess tas-sid/dien legittimu/i.

Ai termini tal-artiklu 382 A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta harget Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Antoinette Rapinett.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lill-hati jhallas l-ammont ta' €1,382.85c rapprezentanti spejjez peritali.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza jew jekk ma jsegwix l-ordni ta' trattament.

Il-Qorti ordnat li kopja ta' dina is-sentenza ghandha tintbaghat lid-Direttur tal-Probation u Parole skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 t' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghogobha:

1. **TIDDIKJARA tali sentenza nulla u tipprocedi sabiex taghti sentenza skont il-ligi;**

2. **JEW, ALTERNATTIVAMENT, tirriforma** s-sentenza appellata billi:

   a. **Tikkonfermaha** fil-parti fejn, fuq ammissjoni tieghu stess sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu;

   b. **Thassarha u tirrevokaha** fil-parti fejn ma trattatx ma' l-appellat fir-rigward tat-tnax, tat-tlettax, tal-erbatax u tal-hmistax-il imputazzjonijiet u minflok tghaddi sabiex titratta mieghu skont il-ligi; U

   c. **Thassaraha u tirrevokaha** fil-parti tal-piena billi minflok il-piena inflitta, tinfliggi piena idoneja u xierqa skont il-ligi;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi fit-12 t' Ottubru 2018 l-esponent Avukat Generali rcieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom b' mod car u manifest hekk kif ser jigi spjegat aktar ' il quddiem f' dan ir-rikors.

**L-ewwel aggravju tal-esponent** huwa bbazzat fuq il-fatt illi **s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet fuq premessi moghtija fit-8 t' Ottubru 2018, hija nulla** u dan stante illi ghalkemm l-appellat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti tal-Magistrati naqset milli ticcita dawk l-artikoli kollha li jikkontemplaw ir-reati li l-appellat ammetta ghalihom u li fir-rigward ta' liema l-Qorti, ma kellha l-ebda triq ohra hlief li ssibu hati. Specifikament il-Qorti naqset milli ticcita l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali (fir-rigward tat-tnax, tat-tlettax u ta' l-erbatax-il imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat) u l-artikolu 23 tal-

Att Dwar il-*Probation* (fir-rigward ta' hmistax-il imputazzjoni dedotta kontra l-appellat).

Specifikament fir-rigward tat-tnax u tal-hmistax-il imputazzjonijiet, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati rritjeniet is-segwenti fis-sentenza taghha:

> *Illi ghalkemm l-imputat ammetta, gjaladarba huwa ammetta ghall-kollox, li kiser ordni ghall-libertà kondizzjonata imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras LL.D., nhar is-17 ta' Marzu 2015, din il-Qorti giet prekluza milli titratta mal-imputat fuq din l-imputazzjoni tenut kont li dik is-sentenza ma gietx esebita u ghalhekk ma ebda hjiel dwar ir-reati li dwarhom instab hati f' dawk il-proceduri.*

> *Illi ghalkemm l-imputat ammetta li kiser kundizjonijiet li bihom kien gie regolat il-beneficcju tal-libertà provizorja moghti lilu mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. fit-02 ta' Settembru 2013, talli kundizzjonijiet qatt ma gew esebiti u ghalhekk il-Qorti ma setghetx tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont tal-garanzjia peress li baqa' ma giex pruvat l-ammont relattiv.*

Illi l-esponent qieghed jissottometti li s-sentenza hija nulla stante illi l-appellat stess ammetta li kkommetta dawn ir-reati surreferiti u ghaldaqstant il-Qorti ma kellha l-ebda triq ohra hlief li ssibu hati ghall-imputazzjonjiet kollha li huwa ammetta ghalihom; izda nonostante dan, il-Qorti ma ndikatx l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw il-ksur ta' libertà kondizzjonata u l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, hekk kif kienet rikjesta li taghmel ai termini ta' l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, liema artikolu jistipula illi:

*Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u* ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat****.*

Ghaldaqstant, nonostante li l-appellat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih mill-Prosekuzzjoni u minkejja li l-Qorti fl-ebda istanza fis-sentenza taghha ma ddikjarat li kienet qieghda tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet dwar il-ksur tal-libertà kundizzjonata taht l-artikolu 23 tal-Att Dwar il-*Probation* (il-hmistax il-imputazzjoni) u dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest taht l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali (it-tnax-il imputazzjoni), l-esponent jissottometti li m' hemmx certezza dwar il-htija *o meno* ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tat-tlettax-il imputazzjoni, cioè dwar il-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti mill-Qorti tal-Magistrati presduta mill-Magistrat Dr. Carol Peralta fl-10 ta' Settembru 2013, il-Qorti ma semmiet xejn fis-sentenza taghha, u dan nonostante illi fl-atti processwali hemm esebit id-digriet li permezz tieghu l-appellat inghata l-helsien mill-arrest. Izda, ghal xi raguni, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma ndikatx l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat hekk kif indikat fit-tlettax-il imputazzjoni; u ghaldaqstant, ghal darb' ohra, m' hemmx certezza dwar il-htija *o meno* ta' din l-imputazzjoni, u dan minkejja li l-appellat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih.

Illi l-esponent jissottometti wkoll illi l-appellat gie akkuzat talli kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta minn diversi Magistrati fejn l-imputat inghata l-beneficcju tal-libertà provizorja taht diversi kundizjonijiet (u dan skont l-erbatax-il imputazzjoni dedotta kontra l-appellat mill-Prosekuzzjoni). F' dan ir-rigward, l-esponent primarjament jissottometti illi, nonostante li l-appellat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti

kontrih mill-Prosekuzzjoni u minkejja li l-Qorti fl-ebda istanza fis-sentenza taghha ma ddikjarat li kienet qieghda tillibera lill-appellat mill-erbatax-il imputazzjoni, l-esponent jissottometti li m' hemmx certezza dwar il-htija *o meno* ta' din l-imputazzjoni u dan in vista tal-fatt li l-Qorti naqset milli ticcita l-artikoli tal-ligi li tikkontempla r-reat in kwistjoni ai termini ta' l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali hekk kif aktar ' il fuq huwa indikat.

Illi skont il-gurisprudenza nostrana, in-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jimporta n-nullità tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalità sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali, f' liema kaz, jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata.[1]

Illi minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-ewwel aggravju, **it-tieni aggravju ta' l-esponent jirrigwardja l-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma sabitx htija fl-appellat fir-rigward tat-tnax-il imputazzjoni u anke ghall-hmistax-il imputazzjoni**. Dan qieghed jigi sottomess in vista tal-fatt li l-Qorti ma ccitatx l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw ir-reati indikat fit-tnax u fil-hmistax-il imputazzjonijiet, hekk kif kienet rikjesta li taghmel ai termini ta' l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali hawn fuq citat.

L-esponent huwa ta' l-umli fehma li gjaladarba l-appellat irregistra ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, il-Qorti ma kellha l-ebda triq ohra ghajr li ssib lill-appellat hati tal-imputazzjonijiet kollha inkluz, tat-tnax u tal-hmistax-il imputazzjonijiet. Irid jinghad li l-appellat irregistra ammissjoni waqt li l-Prosekuzzjoni kienet ghadha qieghda fi stadju li tressaq il-provi kollha kontra l-appellat. Huwa minnu illi sa dak in-nhar li l-appellat irregistra ammissjoni, il-Prosekuzzjoni ma kinitx ghadha esebit is-sentenza tal-Qorti tal-

[1] Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage Qorti ta' l-Appell Kriminali Onor. Imhallef David Scicluna datat 01 ta' Gunju 2011.

Magistrat datata s-17 ta' Marzu 2015 (ghall-prova tal-hmistax-il imputazzjoni) u l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest moghtija mill-istess Qorti fit-2 ta' Settembru 2013 (ghall-prova tat-tnax-il imputazzjoni). Izda fir-rigward tas-sentenza datata is-17 ta' Marzu 2015 (li permezz taghha l-Qorti kienet imponiet ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata), dak li kellha taghmel il-Qorti tal-Magistrati kien li tordna lir-Registratur tal-Qorti li jipprovdiha b' kopja legali tas-sentenza appenna imsemmija, u dan qieghed jigi sottomess anke in vista tal-fatt li gjaladarba kien hemm l-ammissjoni ta' l-appellat, ma kienx hemm il-htiega li l-Prosekuzzjoni tkompli tressaq aktar provi. B' dan il-mod, il-Qorti kienet tkun f' pozizzjoni li taghmel dak li tassativament kienet rikjesta li taghmel ai termini ta' l-artikolu 23 tal-Att Dwar *Probation*, u cioè li titratta ma' l-appellat ghal dawk ir-reati li dwarhom jkunu saru l-ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata.

Fir-rigward tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati datat it-2 ta' Settembru 2013, li permezz tieghu l-appellat gie akkordat il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonjiet, l-esponent jissottometti illi l-Qorti kellha, bl-istess mod hekk kif appena spjegat, tordna lir-Registratur tal-Qorti tipprovdiha b' kopja legali tad-digriet in kwistjoni u b' hekk kienet tkun f' pozizzjoni li taghmel dak li kienet tassattivament rikjesta li taghmel skont il-ligi u cioè li tordna li l-ammont indikat bhala depozitu u dak indikat bhala garanzija personali hekk kif imsemmijin fl-istess digriet, jigu konfiskat favur il-Gvern ta' Malta u dan ai termini ta' l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali.

Illi minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-ewwel aggravju, **it-tielet aggravju ta' l-esponent jirrigwardja n-nuqqas ta' sejbien ta' htija fir-rigward ta' l-erbatax-il imputazzjoni.** Dan qieghed jigi sottomess in vista tal-fatt li l-Qorti ma ccitatx l-artikolu tal-ligi li jikkontempla dan ir-reat indikat fl-erbatax-il imputazzjoni, hekk kif kienet rikjesta li taghmel ai termini ta' l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali hawn fuq citat. L-erbatax-il imputazzjoni jitratta dwar il-ksur ta' diversi digrieti moghtija mill-Qorti tal-Magistrati li permezz taghhom, l-appellat inghata l-helsein mill-arrest. L-esponent

jirrileva illi l-Prosekuzzjoni esebiet digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati datati s-6 t' Awwissu 2013, li permezz tieghu il-Qorti akkordat il-beneficcju tal-helsien mill-arrest lill-appellat.[2] Ghaldaqstant, in vista ta' dan id-digiret digriet, l-esponent huwa ta' l-umli fehma li l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha ssib lill-appellat hati ta' din l-imputazzjoni wkoll, anke in vista tal-ammissjoni nkondizzjonata ta' l-appellat. Gjaladarba, fl-umli fehma tal-esponent kellha tinstab htija fl-appellat ghal din l-imputazzjoni, kwindi kellhom jigu konfiskati l-ammonti stabbiliti bhala depozitu u bhala garanzija personali fl-imsemmi digriet a favur il-Gvern ta' Malta u dan a tenur ta' l-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali.

Illi minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-ewwel aggravju, l-esponent jissottometti li r-**raba' aggravju tieghu huwa bbazzat fuq il-fatt li l-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellat hati tat-tlettax-il imputazzjoni**. Dan qieghed jinghed in vista tal-fatt li l-Qorti ma ccitatx l-artikolu tal-ligi li jikkontempla dan ir-reat indikat fit-tlettax imputazzjoni, hekk kif kienet rikjesta li taghmel ai termini ta' l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali hawn fuq citat. Illi t-tlettax-il imputazzjoni titratta dwar il-ksur ta' digriet li permezz tieghu gew imposti l-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati hekk kif preseduta mill-Magistrat Dr. Carol Peralta, liema digriet huwa datat l-10 ta' Settembru 2013. Dan l-imsemmi digriet kien esebit mill-ufficjal prosekutur li kien qieghed imexxi l-kaz li fih l-appellat inghata l-helsien mill-arrest.[3] Izda nonostante li gie esebit l-imsemmi digriet u nonostante wkoll li l-appellat ammetta ghal ksur ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ma sabitx htija fl-appellat fir-rigward ta' din l-imputazzjoni u konsegwentament ma ordnatx il-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija personali ndikati fl-imsemmi digriet.

Illi minghajr pregudizzju ghall-aggravji suesposti, **il-hames aggravju ta' l-esponent huwa bbazat fuq il-fatt li l-piena nfitta fuq l-appellat mhijix fil-parametri tal-ligi.**

[2] Id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati datat is-6 t' Awwissu 2013 huwa esebiet a fol 508 ta' l-atti processwali u mmarkat bhala Dok AM. Dan id-digrieti gie esebit mill-Ufficjal Prosekutur li kien qieghed imexxi l-provi fil-kaz li fih, l-appellat inghata l-helsien mill-arrest.
[3] Vide Dok AM 1 a fol 509 ta' l-atti proceswali.

Dan qieghed jinghad stante li r-reat li jikkontempla l-ghaxar imputazzjoni u li jinsab fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali jistipula illi:

> ***96.*** *Kull min jattakka jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b' hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti, jehel, meta jinsab hati -*
>
> *(a) jekk l-attakk jew ir-rezistenza jsiru minn wiehed jew tnejn min-nies, il-**piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa sentejn** **u** ghal **multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro (10,000)**;*

Illi ghaldaqstant isegwi illi l-piena relevanti ghall-ghaxar imputazzjoni hija l-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa sentejn **u** ta' multa ta' mhux inqas minn €4,000 u mhux izjed minn €10,000. L-esponent immedjatament jirrileva illi mid-dicitura tal-artikolu 96 hekk, partikolarment b' referenza ghad-dicitura *minn sitt xhur sa sentejn **u**[4] ghal multa ta' ...'*, jirrizulta car illi s-sanzjoni tal-multa mhijiex wahda alternattiva ghall-piena ta' prigunerija. Izda f' kaz ta' htija *ai termini* tal-artikolu su citat, il-Qorti necessarjament trid timponi fuq il-hati s-sanzjoni ta' prigunerija kif ukoll il-multa.

Illi minghajr pregudizzju u sussidjarjament ghall-aggravji suesposti, l-esponent jissottometti illi **l-ordni ta' *probation* imposta fuq l-appellat ma hijix sanzjoni/mizura idoneja u gusta tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz odjern**. Hekk kif jirrizulta mill-fedina penali ta' l-appellat u anke mid-diversi sentenzi esebiti fl-atti processwali moghtija mill-Qrati Kriminali nostrana fil-konfront ta' l-appellat, dan ta' l-ahhar inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu u jbiddel id-direzzjoni ta' hajtu. Biss biss, il-Qrati taghna imponew minn ta' l-anqas tmien ordnijiet ta'

[4] Sottolinear ta' l-esponent.

*probation* u minn ta' l-anqas tliet ordnijiet ta' libertà kondizzjonata. Però, huwa ampjament car li l-appellat qatt ma uzufruwixxa mid-diversi *windows of opportunity* li l-Qrati taghna tawh. Fil-fehma ta' l-esponent, il-piena li ghandha tigi imposta fuq l-appellat ghandha tirrifletti kemm in-natura serja tar-reati li huwa nstab hati taghhom u ghandha wkoll isservi ta' detterent effettiv kemm ghalih u kemm ghas-socjetà in generali.

Illi in oltre l-esponent jirrileva ukoll illi l-appellat ammetta illi huwa rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50. F' dan ir-rigward, l-esponent jirrileva illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ma ccitatx l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali fis-sentenza taghha u ghaldaqstant dan l-artikolu ma kienx applikat. Illi fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li ghandha tvarja s-sentenza billi tirrevoka l-ordni ta' *probation* u minflok timponi pieni ai termini ta' l-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali, l-esponent jissottometti illi ghalkemm ir-rikorrent jifhem illi zieda fil-piena erogata bi grad jew tnejn ai termini tal-artikolu 50 appena citat hija wahda diskrezzjonali u mhux tassattiva, fil-kaz odjern huwa ta' l-umli fehma illi l-piena mposta fuq l-appellat ghandha tizdied minn ta' l-anqas bi grad u dana *konsiderando* li l-appellat digà nstab hati ta' reati mill-Qrati Kriminali, u minkejja li tali Qrati ma mponux pieni horox fuq l-appellat, xorta l-appellat ma gharafx jirriforma ruhu.

Semghet lill-partijeit jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2018 meta talbu lil din il-Qorti tghadi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Illi l-appellant tressaq il-Qorti nhar l-14 ta' Lulju 2015 u akkuzat b'diversi akkuzi kif indikati aktar 'l fuq. Rat illi fit-8 ta' Ottubru 2018 l-appellant irregistra ammissjoni[5] quddiem l-ewwel Qorti ghall-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan fil-presenza tal-avukat difensur tieghu.

---

[5] Fol. 579 vol. II

Illi dik il-Qorti ghaddiet biex tippronunzja is-sentenza taghha l-Qorti iddikjarat li kienet qed issib lill-appellant hati tal-akkuzi kollha addebitati fil-konfront tieghu. Ghalhekk dik il-Qorti ghaddiet biex tghati s-sentenza taghha skond l-artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta.

L-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hu artikolu importanti hafna peress li jinkopora fih ir-rekwiziti necessarji li ghandha jkollha sentenza tal-Qorti tal-Magistrati. In fatti l-Artikolu 663 (5) jistabilixxi dak li ghandu jissemma fis-sommarju tas-sentenza u jghid li dak li jiddiposni l-artikolu 382 ghandu jkun presenti f'dan l-artikolu ukoll. Ghalhekk l-elementi li jinsabu f'dan l-artikolu huma elementi sine qua non ghall-validita ta' sentenza.

L-**artikolu 382 tal kap 9** jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti u appuntu jiddisponi s-segwenti:-

*"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandhatgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

Ghalhekk skond dan l-artikolu, il-Qorti ghandha issemmi b'mod partikolari meta qed taghti is-sentenza taghha:

(i) Il-fatti li tagħhom l-akkzuat ikun ġie misjub ħati;

(ii) Tagħti l-piena lill-hati u

(iii) Isemmi l-artikolu tal kodici jew kul rat iehor li johloq ir-reat .

Dawn it-tlett elementi ghalhekk ghandhom jinsabu f'kull sentenza tal-qorti tal-Magistrati. Various times before our Courts the issue of which judgment should be considered as the final and binding one since these three requisites must be found in the final written judgment. Il-Qrati dejjem irritenew li fis-sentenza finali taghha dawn ir-rekwiziti ghandhom ikunu presenti tant li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gesmond Sant,** il-Qorti ghamlitha cara li l-kopja ufficcjali tas-sentenza tal-Qorti hija dik li tinhareg mir-registratur tal-Qorti fejn dawn l-istess tlett elementi jinsabu spjegati. Il-Qorti sostniet li:-

*"Dan ifisser quindi illi l-appunti illi jikteb il-Magistrat, jibqghu biss appunti ghall-informazzjoni tieghu. Is-sentenza illi taghmel stat fil-konfront tal-partijiet u terzi, hija dik il-kopja ufficcjali illi tohrog minghand id-Deputat Registratur, taht il-firma tieghu biss. Il-Magistrat m'ghandux ghalfejn jiffirma l-kopja ufficcjali. Dan 'l ghaliex l-istat legali jkun intlahaq mid-Deputat Registratur u mhux mill-Magistrat pero, jekk il-Magistrat jaghzel li jiffirma ma jaghmel xejn hazin, basta li fuq il-kopja jkun hemm ukoll il-firma tad-Deputat Registratur".*

Aktar u aktar fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis**[6] il-Qorti irriteniet li:

*"Wara li l-Qorti rat l-atti tal-kawza specifikament l-appunti li kitbet il-Magistat fis-sentenza kif ukoll il-kopja ufficjali, tikkonferma illi l-raba' akkuza hija nieqsa millkonsiderazzjonijiet illi jidhru fil-kopja ufficjali. Dan jidher illi huwa zball tat-traskrittur illi bi zvista jew ghal xi haga ohra naqas milli jipproduci ezatt dak illi kitbet il-Magistrat".*

*Jinghad mill-bidu nett li hija l-kopja ufficjali mahruga mid-Deputat Registratur illi jaghmel stat fil-konfront ta' terzi u mhux l-appunti jew is-sentenza li tkun miktuba mill-Magistrat.Dana stabbilit u ovvju pero' illi hemm diskrepanza bejn ilpunti li kitbet il-Magistrat u s-sentenza ufficjali, liema diskrepanza hija sforz lapsus jew zball tekniku tad-Deputat Registratur. Peress illi huwa dmir tal-Qorti illi ssalva kemm jista' jkun latti, ma thossx illi ghandha tmur ghall-estrem tan-nullita' tas-sentenza, aktar u aktar meta dan l-izball jista' facilment jigi rrangat u dak li qalet il-Magistrat jista' jigi riprodtt fedelment fis-sentenza ufficjali.*

*Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi mill-eccezzjoni tan-nullita' imqajjma mill-Avukat Generali billi tichad l-istess, izda tordna illi l-atti jintbaghtu lura lill-Ewwel Qorti halli d-Deputat Registratur johrog kopja ufficjali ohra w jirriproduci fedelment dak illi qalet il-Magistrat fis-sentenza taghha".*

Il-Qrati f'hafna okkazjonijiet stqarrew u insistew fuq l-importanza li jigi segweit dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal kap 9 .Tant hu hekk li hemm numru ta' sentenzi li jipprovdu li nuqqas wiehed ta' xi formalita f'wahda minn dawn it-teltt elementi fuq

[6] Moghtija nhar l- 4 ta' Marzu 2011 mill-Qorti tal-Appellil Kriminali

imfisra iwassla ghan0nullita ta' sentenza bhala risultat ta' difett fil-formalita. Fi kliem iehor dawn ir-rekqiziti mhumiex sempli formalita izda rekwiziti necessarji ghall-validita tas-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et</u>** il-Qorti irriteniet li:-

*"Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'".*

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mario Agius</u>**, gie ritenutli:-

*"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali".*

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi dikajrata nulla mhemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn iz-zewg rekwiziti imsemmija fl-artikolu 382 ghandhom ikun prezenti f'kull decisjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahda minnhom, jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza .

L-aggravju tal-Avukat Generali jikkonsisti fil-fatt li s-sentenza tat-8 ta'Otturbu 2018 hija nulla stante li minkejja li l-appellant rregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni, l-Qorti tal-Magistrati naqset li ticcita dawk l-artikoli kollha li jikkontemplaw ir-reati li l-appellat ammetta ghalihom specifikament l-artikolu 579 tal-kodici kriminali fir-rigward tat-tnax, tat-tlettax u l-erbatax il-akkuza dedotti kontra l-akkzuat u l-artikolu 21 tal-Att Dwar il- Probation fir-rigward tal-hmistax-il akkuza ukoll dedotta kontra l-appellant.

It-tnax, it-tlettax u l-erbatax u l-hmistax-il akkuza jirrigwardaw ksur tal-liberta' provisorja imposta fuqu minn diversi Qrati tal-Magistrati fejn l-appellant kien inghata il-beneficcju tal-liberta' provizorja taht diversi kundizzjonijiet. Illi dwar dawn l-akkuzi l-appellant kien irregistra ammissjoni u ghalhekk ma kienx hemm lok li l-

prosekuzzjoni tipprova l-esistenza o meno taghhom una volta l-Qorti kienet rinfaccjata bl-ammissjoni nkondizzjonata u volontarja ta' l-istess appellant. Ghalhekk dik l-ewwel Qorti messha fid-decide tas-sentenza taghha iccitat l-artikolu 579 tal-Kap 9 li jittrata dar ir-reat li isehh meta persuna tonqos li tosserva xi kondizzjoni mposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih inghata l-ħelsien mill-arrest, u jikkommetti delittli ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta'erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.

Ghalhekk una volta l-ewwel Qorti kienet qed issib lill-appellant hati ta' dawn l-erba akkuzi messha ccitat l-artikolu 579 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta (imsemmi fis-sub inciz 'l' tan-nota tar-rinviju bl-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali[7])[8] u anke l-artikolu 23 tal-Att Dwar Probation kif imsemmi fis-sub inciz 'm' fin-nota tar-rinviju bl-artikoli[9] mibghuta mill-Avukat Generali . Jinghad ukoll f'dan ir-rigward li ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati sabet htija fil-konfront tal-appellant li huwa recidiv ma iccitatx l-atikolu 50 tal-Kap 9 minkejja li dan ukoll kien citat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju bl-artikoli imsemmija minnu u dan fis-sub inciz 'n'.

Illi f'dan l-istadju referenza ssir għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Maria Stella Attard) vs Joseph Cutajar</u>**[10] fejn b'referenza għall-Artiklu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Onorabbli Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:-

*"Illi l-artikolu hawn fuq imsemmi jaghmilha cara li l-artikolu tal-ligi ghandu jissemma. Dan mhux kaz ta' 'lapsus calami' izda dan hu kaz ta' nullita' tas-sentenza msemmija. Fil-fatt il-gurisprudenza l-aktar recenti hi ta' dan il-hsieb ukoll. Hawnhekk, qed issir referenza ghal tlett*

[7] Fol. 494
[8] Fol. 494 tal process
[9] Fol 494
[10] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Ġunju 2014

*sentenzi moghtija minn din il-Qorti, diversament presejduta:***Il-Pulizija v. Graham Agius**[11] ;**Il-Pulizija v. Angelo Tanti**[12] ;**Il-Pulizija v. Benjamino Camilleri**[13]).”

Illi jirrizulta bic-car li skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti n-nuqqas li Jigu citati l-artikoli kollha jimporta n-nullita’ tas-sentenza appellata. Dan ghaliex kif gie spjegat ‘l fuq dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali. F’ kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f’ dan is-sens l-Appelli Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[14]”; “**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[15]” “**Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**[16]”, “**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[17]”, **Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[18]” ; “**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[19]” u ohrajn)

Illi skond gurisprudenza kostanti ta’ din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita’ tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta’ formalita’ sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.

Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas “ex officio” ghalkemm ghalkemm f’dan il-kaz dan hu aggravju principali tal-Avukat Generali. (ara. App.Krim. “**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[20]” ; “**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciard**i[21]” u ohrajn)

Illi aggravju iehor tal-Avukat Generali hu bbazat fuq il-fatt li l-piena inflitta dwar l-ghaxar akkuza ma hix fil-parametri tal-ligi. Dan ghalix skond l-artikolu 96 f’kaz ta’ htija l-akkuzat ghandu jigi kkundannat piena ta’ prigunerija minn sitt xhur sa sentejn u ghal multa ta’ mhux inqas minnerbat elef (€4,000) u mhux izjed minn ghaxart elef (€10,000) u ghalhekk il-multa ma hix piena alternattiva ghal prigunerija. Ghalhekk

[11] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Lulju, 2010
[12] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Novembru, 2011
[13] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-30 ta' Novembru, 2011
[14] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-25 ta’ Settembru 2003
[15] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta’ Settembru 2002
[16] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta’ Lulju 2002 u it-28 ta’ Gunju 2002
[17] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta’ April 2002
[18] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta’ Settembru 2004
[19] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta’ Mejju 2005
[20] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta’ Mejju 1994
[21] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta’ Jannar 2005

apparti l-piena karcerarja kellha tinghata ukoll il-multa u ghalhekk anke minhabba f'dan ir-rigward is-sentenza hija ukoll nulla.

Stante l-aggravju tan-nullita qed jigi milqugh, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddiskuti l-aggravju dwar jekk is-sanzjoni imposta mill-Qorti kienitx wahda idoneja jew le fic-cirkostanzi.

Ghaldaqstant, f'dan l-istadju, din il-Qorti trid, tannulla s-sentenza appellata w tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti biex jigi ratifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx taht liema ligi kienet qed issib il-htija.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"doppio esame", qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata w biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur